# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-3 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**03.01 Talba**

03.03.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**03.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

03.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**03.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 02**

03.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 02 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Galea ppropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**03.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

03.04.01 Is-Sindku nfurmat li t-*tender* tal-Ġonna Pubbliċi u dik tat-Tabelli u Sinjali tat-Toroq, infetħu. Hija kompliet billi aċċennat li wieħed mill-offerenti huwa *Callus Garden Centre.* Għall-benefiċċju tal-Kunsillieri Galea u l-Kunsillier Ghigo, li ma kienux parti mil-Leġislatura preċedenti, hija spjegat dwar it-*tender* li l-imsemmi offerent kien rebaħ rigward il-*landscaping* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn kienu inqalgħu xi *issues* u li llum wara l-interventi tal-avukati tal-Kunsill u tal-offerent, l-imsemmi kuntratt ġie terminat. Il-*landsacping* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, illum huwa fir-responsabiltà ta' Ambjent Malta. Minkejja dan kollu, l-offerent m'huwhix *blacklisted* u għaldaqstant kellu dritt jibbiddja bħal kull offerent ieħor. Il-Kunsillieri preżenti qablu li l-laqgħat tal-bord tal-għażla jsiru nhar it-2 ta' Settembru 2024, fil-5pm u fis-6pm rispettivament, kemm-il darba jkun disponibbli wkoll is-Sur Adrian Mifsud.

03.04.02 Is-Sindku semmiet it-talba għal stima mill-Kunsill sabiex isir Rapport Tekniku fuq Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn is-S.E. infurmat li l-avviż fil-Gazzetta tal-

Gvern se jiġi ppubblikat fl-20 ta' Awwissu 2024 u d-data ta' skadenza sa meta jistgħu jintlaqgħu l-istimi hija l-aħħar ta' Awwissu 2024. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.04.03 Is-Sindku infurmat li l-kamra li kien hemm fi Triq Mons Alfons Caruana k.m. Triq il-Franka, tneħħiet propju llum, 19 ta' Awwissu 2024. Dan wara li minn informazzjoni miksuba mis-Sindku, din il-kamra kienet parti minn permess *granted* mill-Awtorità tal-Ippjanar u li kienet tinsab f'*area* privata, u li kellha titneħħa mill-individwu li kien applika għall-imsemmi permess. Hija kompliet li l-pass li jmiss huwa li se titlob laqgħa mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jibda l-proċess għall-espropju sabiex tkun tista' ssir t-triq minn Infrastruttura Malta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

03.04.04 Is-Sindku semmiet li rigward it-*tender* tar-Restawr tal-Isptar il-Qadim, it-tieni offerent wara dak magħżul u li m'aċċettax il-kuntratt, aċċetta u pprovdilna l-garanzija bankarja flimkien mal-kuntratt iffirmat min-naħa tiegħu. Dawn tal-aħħar bagħtnihom lill-Perit li huwa l-persuna teknika sabiex jara li hemm kollox korrett qabel ma l-kuntratt jiġi ffirmat mill-Kunsill. Kien hemm qbil li nitkellmu mas-Sur Adrian Mifsud dwar il-pass li jmiss.

03.04.05 Is-Sindku rreferiet għax-xatba diskussa fil-laqgħa preċedenti biex issir fl-entratura tal-Ġnien tal-Mentna jekk ningħataw il-fondi mill-iskema SPI/SCI/04/2024. Hija infurmat li fuq parir tad-Direttur tal-Iskemi, hija kellmet lill-Inġinier tar-Reġjun Nofsinhar biex jiddiżinjalna din ix-xatba. Is-S.E. uriet is-*softcopy* tal-*isketch* mill-inġinier lill-Kunsillieri preżenti fejn dan ġie diskuss fid-dettall. Kien hemm qbil li inressqu dak kollu diskuss għall-attenzjoni tal-inġinier, biex ix-xatba ssir b'tali mod u manjiera li t-tfal li jiffrekwentaw il-ġnien ikunu siguri filwaqt li l-ġnien jibqa' aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

Il-Kunsillieri preżenti qablu li kif diskuss u maqbul fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba għandu japplika għal din l-iskema – SPI/SCI/04/2024 – filwaqt li ġie approvat li l-Kunsill Lokali se jiffinanzja d-differenza bejn l-ispiża totali u l-ammont miksub mill-iskema, mill-fondi tiegħu.

***Il-laqgħa ġiet sospiża bejn is-6:25 pm u s-7:20pm sakemm saret laqgħa oħra.***

03.04.06 Is-Sindku rreferiet għal applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, għal bini ta' garaxxijiet fi Triq il-Qrendi, L-Imqabba. Is-sidien talbu laqgħa mas-Sindku fejn iddiskutew magħha dwar il-possibiltà ta' *barter* mal-Kunsill, fejn huma jipprovdu xogħol b'xejn lill-Kunsill minflok ma' jħallsu l-*planning gain* lill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-imsemmija applikazzjoni. Is-Sindku kompliet li hija minn dejjem kienet tal-fehma li ma tidħolx għal dawn il-*barters* minħabba riskji, xogħol li forsi ma jsirx kif meħtieġ, u /jew obbligazzjonijiet. Għaldaqstant hija m'aċċettatx u s-sidien se jkunu qed iħallsu l-*planning gain* kif suppost. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.04.07 Rigward il-laqgħa mas-sidien tal-barrieri fi Triq tas-Sejba, is-Sindku infurmat li minkejja li m'hu xejn faċli, xorta qed nippruvaw inġibu d-data dwar dawn is-sidien. Intant wara li tkellmet mal-Ministru li rreferitha għall-persuna nkarigata mill-infurzar fl-ERA, din tal-aħħar infurmatha li qabel l-imsemmija laqgħa mas-sidien, tajjeb li l-ERA tiltaqa' mal-Kunsill Lokali għar-raġuni li f'dawn is-sitwazzjonijiet hemm parti li taqa' fir-responsabiltà tal-ERA filwaqt li parti oħra taqa' fir-responsabiltà ta' TM. Wara din il-laqgħa jkun jista' jiġi determinat jekk issirx il-laqgħa mill-ERA fil-preżenza tal-Kunsill mas-sidien, jew mil-Kunsill mas-sidien. Il-laqgħa għandha tiġi skedata fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsillieri preżenti komplew jiddiskutu fit-tul is-sitwazzjoni tat-trabijiet.

03.04.08 Is-Sindku infurmat li fl-ewwel tlett xhur ta' kull Leġislatura, bil-liġi tal-Kunsilli Lokali jinħtieġ li ssir laqgħa pubblika fejn irid jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-ħames snin tal-Leġislatura. Kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li l-laqgħa tiġi skedata nofs siegħa qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

03.04.09 Rigward l-attività kulturali 'Stilel Taħt il-Kampnar', is-Sindku infurmat li l-Kunsill ingħata is-somma ta' Eur 17,800.00 mill-iskema SPI/SCI/03/2024 kif ukoll Eur 10,000.00 mill-*Arts Council Malta* li wkoll laqgħu t-talba tagħna. Is-Sindku kompliet li issa ser inkunu qed nipproċedu bil-programm kif ippjanat qabel applikajna għall-fondi, fejn waqt il-kunċert, fost il-kantanti qed isiru kuntatti dwar id-disponibilità ta' Gaia Cauchi, Glenn Vella, Ivan Grech u Aiden. Se niċċekkjaw ukoll jekk kantanti lokali bħal Mariah Costa, Amy kif ukoll Vittorio Gauci, jistgħux jiġu. Waqt il-kunċert se jkun hemm ukoll dawl proġettat fuq il-Knisja. Is-Sindku spjegat li d-Direttur Artistiku Luke Cassar, li huwa approvat ukoll mill-*Arts Council*, se jkun qed jieħu ħsieb l-organizzazzjoni kollha ta' din l-attività fosthom il-*marketing* permezz ta' *banners*, tqassim ta' *flyers*, reklami fuq *facebook* u fuq ir-*radio*. Se jkun qed jieħu ħsieb r-*risk assessment*, l-armar tal-palk, il-*bars* u l-*bistro tables* kif ukoll li jkollna l-istimi għad-dwal, is-*sound*, u oħrajn. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew flimkien filwaqt li ħadu nota ta' dan kollu.

03.04.10 Is-Sindku qalet li peress li l-Kappillan ma setax jiltaqa' mal-Kunsill f'Awwissu, se niskedaw ġurnata oħra f'Settembru. Il-Kunsillieri preżenti qablu li jekk jekk Fr Blake huwa disponibbli, niskedaw din il-laqgħa miegħu għal nhar is-16 ta' Settembru 2024 fis-6:00pm, u qablu wkoll li għandna nordnaw ftit *party items* għal waqt il-laqgħa.

**03.05 Rapport Finanzjarju – It-Tieni Kwart – Jannar / Ġunju 2024**

03.05.01 Is-Sindku qalet li r-Rapport Finanzjarju, ppreparat mill-*Accountant* tal-Kunsill, jidher li huwa tajjeb anke mal-*Budget*. Is-Sindku spjegat li fejn ikun possibbli, il-proġetti jsiru permezz ta' fondi minn skemi sabiex ma jintmessx il-*budget* tal-Kunsill. Is-*surplus* li qed jidher, ikun hemm parti minnu li tkun tikkonsisti minn parti mill-persentaġġ li ningħataw minn dawn l-iskemi. Hija fakkret ukoll li mill-istess *surplus* jaf irridu nroddu lura l-fondi rigward il-każ tal-*Landscaping* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija jekk tinqata' kontra l-Kunsill minn naħa tal-*ARPA*. Il-

Kunsillieri preżenti iddiskutew fit-tul dan ir-Rapport u partikolarment il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella f'Misraħ il-Fidwa. Rigward dan il-ġnien, kien hemm qbil li sa ma jibda l-proġett, hemm bżonn li jitneħħa l-periklu li hemm fih billi nġibu stimi għal wiċċ tal-konkos, xibka, u *syntetic turf* sabiex naraw x'inhu l-irħas biex isir minflok is-*soft flooring* li hemm maqlugħ u mibrum. Ir-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2024, ġie approvat unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Ghigo issekonda.

**03.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

03.06.01 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-possibiltà li xi ħadd mill-istaff klerikali jkun responsabbli mit-tweġibiet ta' ċertu imejls bażiċi mibgħuta mill-Kunsillieri bħal eżempju talba għal xi formola u oħrajn. Is-Sindku spjegat li din hija xi ħaġa li tiddelegaha s-S.E. filwaqt li fakkret fil-*WhatsApp group chat* li kien ġie kkrejat propju biex issir komunikazzjoni dwar ċertu *issues* relatati mal-lokalità u mar-residenti. Is-S.E. qalet li se jkunu qed jitwieġbu l-imsemmija imejls b'mod aktar immedjat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.06.02 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk hux possibbli li qabel ma jkunu se jsiru ċertu xogħlijiet, il-Kunsillieri jiġu notifikati sabiex meta jiġu mistoqisja mir-residenti, huma jkunu jistgħu iwieġbu. Huwa ġab eżempju bit-tindif tal-ġibjun li sar fil-jiem li għaddew, fejn is-Sindku qaltlu li hi kienet infurmat dwar dan ix-xogħol fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota dan.

03.06.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar x'inhi l-liġi eżatt dwar il-marki s-sofor tat-triq minn *garage* għal quddiem id-djar għar-raġuni li reġa' nqala' xi diżgwit bejn xi ġirien fis-*service* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija dwar min u fejn jista' u ma jistax jipparkja. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fit-tul dan il-każ, fejn finalment il-marki tat-triq se jibqgħu kif inhuma għar-raġuni li meta quddiem bieb ta' residenza ma jkunx hemm spazju għal parkeġġ, jista' jibqa' għaddej il-*broken yellow line* minn quddiem il-*garage* sa quddiem il-bieb /faċċata tar-residenza.

03.06.04 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar *U-Bar* li kien hemm quddiem residenza fi Triq Valletta u li din tneħħiet. Is-Sindku infurmatu li l-*U-Bar* kienet inqalgħet fuq talba tas-*social worker* tar-residenta, minkejja li kienet ġiet infurmata li ladarba din tinqala', ma tistax terġa' tiġi nstallata għar-raġuni li TM, illum m'għadhix tapprova installazzjoni ta' *U-Bars*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.06.05 Il-Kunsillier Ghigo staqsa x'sar mit-talba għar-*road hump* fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku infurmatu li għaddejna l-applikazzjoni għand TM. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**03.07 Eżodu tal-Festa ta' Santa Marija 2024**

03.07.01 Is-Sindku qalet li din is-sena l-immaniġġjar tat-traffiku mexa tajjeb u speċjalment fi Triq Ġanni Darmanin k.m Triq Ġorġ Martin fejn tlabna biex jiġu allokati l-uffiċjali tal-LESA hemm ukoll.

03.07.02 Kien hemm xi lmenti mir-residenti rigward l-għeluq ta' ċertu toroq inkluż il-*clearance* fihom.

03.07.03 Is-Sindku semmiet ukoll il-*Police Draft Notice* li sfortunatament ħareġ 3 darbiet ħażin u li konsegwenza ta' dan kien hemm problemi bid-devjazzjoni tat-trasport pubbliku. Hija kellha kuntatt anke mas-Supretendent sabiex dan id-*DPN* joħroġ tajjeb, u wkoll ikkomunikat ma' TM fejn TM għaddiet l-informazzjoni lil *Malta Public Transort* li x'aktarx min kien responsabbli ma laħaqx ra din il-korrispondenza. Ir-residenti ġustament bdew jilmentaw anke fuq is-*social media*. Hija kompliet li skond komunikat magħha mill-Perit T. Bezzina, is-*CEO* ta' TM kellu jkellimha, però dan ma seħħx, u għaldaqsatant wara li tkellmet mal-Ministru Chris Bonnet li għaddhilha n-numru, ikkuntattjatu hi personalment, it-trasport pubbliku reġa' ġie ddevjat kif suppost mis-Sibt fis-1:30pm l quddiem. Is-Sindku tħoss li mhux ġust li kulħadd tefa' l-ħtija fuq il-Kunsill dwar it-trasport pubbliku li ma kienx qed jgħaddi kif suppost, meta dan ma kien xejn minnu.

03.07.04 Is-Sindku kompliet billi kkundannat l-aġir tas-Sur John Zammit li propju fi tmiem il-Kunċert Mużikali ta' Santa Marija, beda jattakka u jinkolpa pubblikament lilha dwar il-problema li nqalgħet fejn it-trasport pubbliku ma kienx qed jgħaddi mir-raħal fil-jiem tal-festa, li fil-verità ma kienx il-każ. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jitlob lis-Sur Zammit biex jibgħat apoloġija formali lill-Kunsill Lokali. Dan għaliex bħala Kunsill, minkejja li m'għandna l-ebda kontroll fuq il-Pulizija jew fuq id-*DPN*, hija bħala s-Sindku għamlet il-kuntatti u dak kollu possibbli sabiex il-problema tissolva mill-aktar fis għall-ġid tar-residenti Mqabbin u dawk kollha li jużaw it-trasport pubbliku. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew fit-tul dan il-każ, fejn fl-aħħar ittieħed vot, b'riżultat ta' 4 favur u 1 kontra, sabiex is-Sur John Zammit jintalab jitlob apoloġija formali lill-Kunsill Lokali.

03.07.05 Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni li nhar il-festa tħallew il-*barriers* f'nofs il-*by-pass* wara li kien spiċċa kollox u anke kienu telqu l-uffiċjali tal-LESA. Kien hu personalment li ressaq mal-ġenb l-imsemmija *barriers* sabiex evita li jseħħ xi inċident. Is-Sindku u s-S.E. spjegaw li f'laqgħa dwar il-*fixed points* u d-*diversion* lejliet u nhar il-festa, kien hemm qbil bejn l-*REO* tal-*LESA* u s-Segretarju tas-Soċjetà Santa Marija, li l-*barriers* kellhom jitressqu mis-Soċjetà. Il-Kunsillier Galea saħaq li għas-sena li jmiss, il-persuna resonsabbli, għandha tkun verament responsabbli li tressaq dawn il-*barriers* u li dan ma jerġax isir għas-sigurtà tax-xufiera li jgħaddu mit-triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**03.08 Jum L-Imqabba 2024**

03.08.01 Is-Sindku infurmat li għal Jum l-Imqabba, li se jsir is-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024, jinħtieġ li noħorġu l-avviż dwar in-Nominazzjonijiet ta' Ġieħ l-Imqabba kif

ukoll nibagħtu lill-għaqdiet biex jinnominaw persuna sabiex jinħatar il-Bord tal-Għażla. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.08.02 Is-Sindku semmiet l-attivitajiet sportivi tas-Sibt filgħodu fejn dawn se jkun qed jaħdem fuqhom il-Kunsillier Sciberras li huwa responsabbli miż-Żgħażagħ u l-Isports. Il-Kunsillieri preżenti iddiskutew dwar x'jista' jiġi organizzat, fejn fosthom issemmew is-Sezzjonijiet tal-Pulizija bħal tal-Klieb jew tal-Kavallerija, il-Protezzjoni Ċivili, *Wheelchair Sports*, Logħob tal-Futbol, u oħrajn. Is-Sindku talbet sabiex kull min għandu xi ideat, għandu javviċina u jikkordina mal-Kunsillier Sciberras, u mbagħad nimxu minn hemm. Is-Sindku semmiet ukoll l-attività li s-soltu ssir għat-tfal bħall-*orange juice day*, fejn ser tiltaqa' mal-Kunsill Skolastiku sabiex jiddiskutu l-attività għal din is-sena fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

03.08.03 Is-Sindku ssuġġeriet biex il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024 tiġi organizzata attività b'kollaborazzjoni mal-Kappillan, ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju fejn isir *feature* mir-restawaratriċi li rrestawrat riċentement l-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u li ffinanzjaha wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-*feature* ikun dwar ir-restawr tal-istess statwa filwaqt li l-parti dwar l-istorja tal-istatwa issir minn *historian* bħas-Sur Charles Farrugia jew bħall-Profs Mangion. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandha tiġi organizzata din l-attività.

03.08.04 Is-Sindku semmiet ir-*reception* li saret is-sena l-oħra wara s-Serata Ġieħ l-Imqabba, fejn kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li dan għandu jerġa' jsir iżda fuq skala iżgħar. Għaldaqstant se jinġibu l-istimi u nimxu minn hemm.

**03.09 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku indikat liema fosthom jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona biss għal PA 05384/24 – għar-raġuni li ladarba se jsir sanzjonar, dan ifisser li s-sid qed jopera bla permess fuq ċertu affarijiet, apparti l-akkumulu u t-titjir ta' iktar trabijiet. Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li nitolbu gwida lill-*Environmental Manager* tar-Reġjun sabiex naħdmu fuq ir-rappreżentazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

**03.10 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

03.10.01 Korrispondenza mingħand TM dwar applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat Personalizzat fi Triq il-Parroċċa Sqaq Nru 4, li ma ġietx approvata mill-istess TM. Il-Kunsillier Galea informa li r-residenta li għamlet din it-talba tkellmet anke miegħu u hu ta spjega dwar il-każ tagħha. Wara diskussjoni fit-tul mill-Kunsillieri preżenti dwar jekk għandix tintalab *Communal Bay*, ittieħed vot b'riżultat ta' 3 kontra u 2 favur, li din issir. Għaldaqstant mhux ser issir talba mill-Kunsill Lokali

għal *Communal Reserved Bay for Blue Badge Holders* fi Triq il-Parroċċa, Sqaq Nru 4.

03.10.02 Korrispondenza mingħand TM dwar applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat Personalizzat fi Triq il-Pal, li ma ġietx approvata mill-istess TM. Is-S.E. infurmat li bħala Kunsill irċevejna talba wkoll sabiex issir *Communal Reserved Bay for Blue Holders* fl-istess triq, fejn bi żvista qabel tressqet waqt il-laqgħa, it-talba intbagħtet għall-approvazzjoni ta' TM. Is-Sindku spjegat li viċin Triq il-Pal, u *cioè* fi Triq it-Troll, hemm *Communal Reserved Bay* oħra. Wara diskussjoni fit-tul mill-Kunsillieri preżenti dwar jekk għandix tintalab din il-*Communal Bay*, ittieħed vot b'riżultat ta' 3 kontra u 2 favur, li din issir. Għaldaqstant ser jitwaqqaf il-proċess tat-talba li laħqet inbgħatet lil TM, qabel din il-laqgħa, għal *Communal Reserved Bay for Blue Badge Holders* fi Triq il-Pal.

03.10.03 Korrispondenza mingħand TM dwar applikazzjoni għal *Un/Loading Bay* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, fejn din ġiet approvata u se tiġi implimentata mill-istess TM. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

03.10.04 Korrispondenza mingħand residenti sabiex isiru *slow sign/marking* fi Triq il-Ħajt tal-Matla *via* Triq Ħal Kirkop, u *road hump* fi Triq Ħal Kirkop kif taqbeż l-*iBins*. Kien hemm qbil li ssir is-*slow sign/marking* filwaqt li peress li diġà hemm *hump* viċin fejn intalbet dik fi Triq Ħal Kirkop, din ma tistax issir għax m'hemmx biżżejjed distanza bejn waħda u oħra.

03.10.05 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dwar direttiva sabiex il-laqgħat statutorji tal-Kunsill isiru fil-bini amminisrattiv. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.10.06 Korrispondenza mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar id-*draft handover agreement* tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fl-Imqabba. Is-Sindku qalet li fl-opinjoni tagħha dan l-*agreement* m'għandux jiġi ffirmat mill-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan, il-Kunsillieri preżenti qablu mas-Sindku għar-raġuni li l-Kunsill mhux sodisfatt bix-xogħol li twettaq minkejja li l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni dwar ċertu xogħlijiet, apparti li l-Kunsill Lokali m'għandux fondi biex iwettaq il-manutenzjoni fil-Pjazza.

03.10.07 Korrispondenza mingħand wieħed mill-*kiosk owners* li jarmaw fil-festi tar-raħal, li tilef iċ-ċans li jagħmel il-permess għal waqt il-festa ta' Santa Marija minħabba raġunijiet ta' saħħa. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li għandu jintalab jipprovdi prova tar-raġuni għalfejn ma ġiex iħallas il-permess.

**03.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

03.11.01 Il-Kunsillier Dingli semma l-*water catchments* li kien hemm fit-triq f'Tat-Torba, u li meta t-triq ingħatat it-*tarmac* minn IM, dawn il-*catchments* ma' sarux. Il-

Kunsillieri qablu li nibagħtu lill-Infrastruttura Malta dwar jekk dawn jistgħux jerġgħu isiru anke peress li jista' jkun li għad hemm il-garanzija.

03.11.02 Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li fi Triq San Mikiel, id-dawl tat-triq jinbidel u jsir bħal tal-Pjazza, filwaqt li fl-istess Pjazza jiżdied id-dawl. Il-Kunsillieri qablu li nitolbu stima biex jinbidlu l-lampi ta' Triq San Mikiel, u oħra sabiex jikber il-*wattage* tad-dawl tat-triq fil-Pjazza tal-Knisja.

03.11.03 Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li l-pjanta li hemm quddiem il-latrina pubblika kantuniera ma' Triq id-Disgħa t'April, tinżabar għax igguffat. Kien hemm qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill jiżbru din il-pjanta.

03.11.04 Il-Kunsillier Galea ilmenta dwar l-*istand* tat-*toys* li kienet armata fi Triq id-Disgħa t'April fil-Festa ta' Santa Marija, li kienet armata b'tali mod li għalqet l-aċċess tar-rampa għal fuq il-bankina quddiem il-latrina pubblika. Kien hemm qbil biex fil-permess tas-sena d-dieħla jkollu struzzjonijiet biex dan ma jerġax isir.

03.11.05 Il-Kunsillier Galea ilmenta dwar il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet li nħarġu għall-Pjazza fil-Festa ta' Santa Marija, għar-raġuni li fil-każ tal-Każin tal-PL kien armat fuq żewġ naħat tal-Pjazza. Hu ssuġġerixxa li għall-festi li jmiss, mal-permess ikun hemm *site plan* li tindika l-post eżatt fejn jistgħu jintramaw l-imwejjed u s-siġġijiet. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

03.11.06 Il-Kunsillier Galea ilmenta dwar ir-rampa li hemm fil-Pjazza ħdejn iż-żebbuġa biex jiġi aċċessat iz-zuntier, li sfortunatament bil-parkeġġ li jkun hemm ir-rampa ma tkunx tista' tintuża. Issuġġerixxa li ssir tabella li tindika *'Keep Clear'*. Kien hemm qbil li nibagħtu dwar dan lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi li għandu l-Pjazza fir-responsabiltà tiegħu.

03.11.07 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar *dog bin* li hemm maqlugħ fi Triq iż-Żurrieq kantuniera mat-triq f'Tat-Torba. Kien hemm qbil li jitranġa permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill.

03.11.08 Il-Kunsillier Sciberras semma il-lampi tat-triq bil-ħsara fi Triq it-Torri Vinċenti li diġà rrapporta dwarhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa ġibed l-attenzjoni li waħda minnhom qed tisparkja u li hemm bżonn li din tissewwa b'mod immedjat. Is-S.E. ħadet nota biex tibgħat lill-*Enemalta* dwar dan.

03.11.09 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar il-ġonna li iktar ma jmur iktar qed isiru qishom latrina tal-klieb u l-qtates. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u ma jidhirx li hemm wisq iktar xi jsir jekk lanqas id-*dog bins* m'hu qed ikunu biżżejjed.

03.11.10 Il-Kunsillier Sciberras semma l-bankina fil-Pjazza tal-Knisja k.m Triq San Bażilju li minkejja li ġiet diskussa sa mil-Leġislatura preċedenti, s'issa għadu ma sar xejn fuqha. Wara diskussjoni mill-Kunsillieri preżenti dwar dan, kien hemm qbil li tintbgħat korrispondenza lis-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, dwar x'se jsir fuq din il-bankina.

**03.12** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/03**

03.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/03 ġiet approvata unanimament.

**03.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

03.13.01 Il-laqgħa ntemmet fl-10:30pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2024 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 16 ta' Settembru 2024.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |